



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Opinjoni 07/2022

(skont l-Artikolu 322(1), TFUE)

dwar il-proposta għal
Regolament tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill
li jemenda r-Regolament
(UE, Euratom) 2018/1046
fir-rigward tal-istabbiliment
ta' strateġija ta' finanzjament
diversifikata bħala metodu
ta' teħid b'self ġenerali
[2022/0370 (COD)]

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	01 - 05
Osservazzjonijiet ġenerali	06 - 09
Kummenti speċifiċi	10 - 17
Kummenti relatati mar-reviżjoni proposta tar-Regolament Finanzjarju	11 - 14
Formulazzjoni tal-Artikolu 220a l-ġdid	11 - 12
Azzjonijiet importanti li għandhom jiġu implimentati mill-Kummissjoni	13 - 14
Kummenti relatati mal-proposti l-oħra fil-pakkett	15 - 17
Trasferiment potenzjali ta' riskji għall-baġits futuri	15 - 17
Kummenti finali	18

Introduzzjoni

01 Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat il-[proposta](#) tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ("ir-Regolament Finanzjarju") fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali, bħala parti minn pakkett ta' tliet proposti leġiżlattivi. Il-bażi ġuridika tal-proposta tal-Kummissjoni tfigħer li konsultazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija obbligatorja¹. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew kitbulna biex jitolbu l-fehmiet tagħna fl-10 ta' Novembru 2022 u fil-11 ta' Novembru 2022 rispettivament. Din l-Opinjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' konsultazzjoni.

02 B'mod parallel mal-proposta tagħha biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni [tipproponi](#) li jiġu mobilizzati sa EUR 18-il biljun għal self biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna, b'maturitajiet sa 35 sena, u ripagament tal-"kapital" (jiġifieri l-ammont oriġinali ta' flus mislufa, mingħajr il-kostijiet tal-imgħax) mhux qabel 10 snin minn issa (kif previst fl-istrument propost ġdid tagħha, Assistenza Makrofinanzjarja (AMF+)). Il-Kummissjoni [tipproponi](#) wkoll li dan is-self ikun jiġi ggarantit mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE aktar milli minn provvedimenti speċifiku. F'din l-Opinjoni, fejn inqisu li jkun xieraq, aħna nindirizzaw dawn iż-żewġ proposti li jinsabu fil-pakkett leġiżlattiv.

03 Il-Kummissjoni tiġġustifika l-emenda għar-Regolament Finanzjarju bil-ħtieġa li jiġu pplanati diversi operazzjonijiet ta' teħid b'self b'mod koerenti mal-aħjar opportunitajiet tas-suq u jiġu strutturati maturitajiet biex jinkisbu l-aħjar kostijiet. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kumplessità mistennija tal-operazzjonijiet meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna, u biex jiġu antiċipati operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self futuri possibbli li jikkonċernaw Stati Membri u Stati mhux Membri, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tiġi stabbilita strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala l-metodu uniku ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self.

04 Attwalment il-Kummissjoni tissellef f'isem l-UE jew l-Euratom biex isellef l-ammonti korrispondenti lill-Istati Membri benefiċjarji u lill-Istati mhux Membri bil-kundizzjonijiet applikabbli għat-teħid b'self. Ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-flussi tal-flus bejn il-fondi mislufa u s-self jitqabblu wieħed ma' wieħed. Dan ifisser li l-UE trid twettaq operazzjonijiet tas-suq ibbażati fuq il-ħtiġijiet ta' żborż għal kull każ

¹ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 322(1)(a).

speċifiku ta' self. Il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament ta' programmi individwali ta' assistenza finanzjarja permezz ta' metodi separati ta' finanzjament joħloq kostijiet u kumplessità billi l-programmi differenti ta' assistenza finanzjarja jikkompetu għal għadd limitat ta' opportunitajiet ta' finanzjament. Dan huwa enfasizzat b'mod partikolari fil-kuntest attwali ta' appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna minħabba l-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tagħha u l-inċertezza dwar il-ħtiġijiet finanzjarji tagħha fuq terminu itwal.

05 Ġiet stabbilita strateġija ta' finanzjament diversifikata biex jiġu mobilizzati fondi għal għotjiet u self taħt NextGenerationEU (NGEU), li tinkludi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u xi programmi oħra tal-Unjoni. Il-proposta tal-Kummissjoni tkun tapplika tali strateġija diversifikata għat-teħid b'self kollu li jsir fil-futur, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

Osservazzjonijiet ġenerali

06 Il-proposta tal-Kummissjoni tippreżenta argumenti raġonevoli għall-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata, attwalment implimentata għal teħid b'self taħt l-NGEU, bħala l-metodu bażi għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet kollha ta' teħid b'self. L-operazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU ma jużawx “[finanzjament back-to-back](#)” tradizzjonali iżda jużaw l-approċċ simili għal dak adottat mill-Istati sovrani, fejn l-ammonti mislufa jistgħu jinżammu temporanjament f'kont bankarju. L-użu ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata jippermetti li l-Kummissjoni tuża wkoll strumenti ta' dejn ta' terminu qasir (b'maturità ta' inqas minn sena), bħal kambjali jew linji ta' kreditu tal-UE. Għalhekk, it-twaqqit tal-iżborż tas-self jew il-ħtiġijiet tal-baġit tal-UE ma jiddeterminawx kompletament it-tip ta' strumenti ta' self, it-twaqqit, il-volum u l-maturità tal-ħruġ ta' dejn mill-UE għall-finanzjament tal-programm NGEU. L-approċċ ikun jipprovdni lill-Kummissjoni aktar marġni ta' manuvra biex tagħżel l-aħjar għażla ta' teħid b'self li tkun disponibbli.

07 L-[Opinjoni 06/2020](#) tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jistabbilixxi l-RRF diġà semmiet li t-tbeggħid mill-finanzjament back-to-back jista' jkollu benefiċċji iżda, madankollu, jinvolvi wkoll riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, li jirriżulta meta l-ispiża tas-self tinbidel bejn il-mument tat-teħid u l-iżborż tas-self. Strateġija ta' finanzjament diversifikata tirrikjedi l-iżvilupp ta' qafas ta' governanza u regoli xierqa.

08 Il-Kummissjoni użat il-proċedura rapida eċċezzjonali skont l-Artikolu 4 tal-[Protokoll Nru 1](#), fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li tingħata għajnuna lill-Ukrajna. Aħna niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata hija miżura fuq terminu twil proposta għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self kollha li jsiru fil-futur, li x'aktarx se jikkonċernaw ammonti li huma ħafna ogħla mill-appoġġ mogħti taħt l-AMF+ għall-Ukrajna. Filwaqt li l-użu ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata huwa l-approċċ standard għall-mutwatarji sovrani, l-awtoritajiet leġiżlattivi għandhom żmien limitat u analiżijiet ta' sostenn limitati biex iqisu din il-bidla fuq terminu twil proposta.

09 Fir-[Rapport Annwali 2021](#) tagħna, ippubblikat f'Ottubru 2022, aħna osservajna li l-gwerra fl-Ukrajna żiedet ir-riskji għall-baġit tal-UE, b'riskju ogħla li jiġu skattati obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit tal-UE.

Kummenti speċifiċi

10 Fil-paragrafi li ġejjin, aħna niġbdu l-attenzjoni għal aspetti speċifiċi tal-pakkett ta' proposti tal-Kummissjoni.

Kummenti relatati mar-reviżjoni proposta tar-Regolament Finanzjarju

Formulazzjoni tal-Artikolu 220a l-ġdid

11 Il-qari tal-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 220a għandu mnejn iwassal għall-konklużjoni li l-Kummissjoni tipproponi li tintroduċi eċċezzjoni (f'każijiet debitament ġustifikati) mill-applikazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata għall-programm NGEU, imsemmija fl-Artikolu 5(1) tad-[Deċiżjoni 2020/2053](#) dwar is-sistema tar-riżorsi proprji, li ma tkunx possibbli skont il-leġiżlazzjoni eżistenti. Barra minn hekk, jista' jiġi interpretat bħala li jirreferi biss għall-attivitajiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU awtorizzati bid-[Deċiżjoni 2020/2053](#). Billi dawk mhumiex l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-formulazzjoni tiġi emendata.

12 It-tieni sentenza tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 220a tirreferi għall-istrateġija ta' "[ħruġ] u ġestjoni tad-dejn", filwaqt li l-paragrafu 1 tal-Artikolu 220a jirreferi għall-operazzjonijiet ta' "self u ġestjoni tad-dejn". It-terminu "ħruġ" jintuża fir-rigward ta' titoli (bonds u kambjali) u ma jirrigwardax operazzjonijiet ta' teħid b'self tas-suk monetarju li jiffurmaw ukoll parti mill-istrateġija ta' finanzjament diversifikata. Jenħtieġ li l-formulazzjoni fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 220a tiġi emendata biex, fl-informazzjoni li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jiġu inklużi l-istrumenti kollha li jintużaw taħt strateġija ta' finanzjament diversifikata.

Azzjonijiet importanti li għandhom jiġu implimentati mill-Kummissjoni

13 Il-Premessa 8 titlob azzjoni importanti mill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' pula komuni ta' likwidità. Il-Premessa 10 titlob li jiġu stabbiliti l-arranġamenti meħtieġa fir-rigward tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, jiġifieri qafas ta' governanza, proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju u metodoloġija tal-allokazzjoni tal-kostijiet, kif ukoll informazzjoni regolari u komprensiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija ta' ġestjoni tat-teħid b'self u tad-dejn. Id-dettalji ta' dawk l-azzjonijiet importanti mhumiex previsti fil-leġiżlazzjoni riveduta nfisha, u se jirrikjedu ġestjoni tajba tat-teżor u azzjonijiet addizzjonali mill-Kummissjoni biex l-istrateġija ta'

finanzjament il-ġdida tiġi mmaniġġjata b'mod effettiv. Attwalment il-Qorti qed tawditja l-ġestjoni tad-dejn fil-qafas tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni.

14 L-Artikolu 1 tal-proposta tal-Kummissjoni jkun iħassar, fost l-oħrajn, il-paragrafu 2 tal-Artikolu 220 tar-Regolament Finanzjarju, li jirrikjedi li l-ġhoti u t-teħid b'self ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni ta' maturitajiet, jew jesponuha għal xi riskju tal-imġax jew għal xi riskju kummerċjali ieħor. Il-proposta ma tippovdix kjarifika suffiċjenti dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jistgħu jissostitwixxu din id-dispożizzjoni.

Kummenti relatati mal-proposti l-oħra fil-pakkett

Trasferiment potenzjali ta' riskji għall-baġits futuri

15 Sa issa, l-assi rilevanti twarrbu bħala provvedimenti biex tiġi onorata kwalunkwe sejħa relatata mal-garanzija ta' self taħt l-AMF. Biex jinħolqu provvedimenti għal self preċedenti lill-Ukrajna, il-baġit tal-UE uża approprjazzjonijiet annwali ta' impenn u ta' pagament. Dan ifisser li parti mir-riskju diġà ntrefgħet mill-baġits attwali jew minn dawk preċedenti. B'mod parallel mal-proposta tagħha biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni **tippromponi** li dan l-approċċ jinbidel sabiex is-self taħt l-AMF+ lill-Ukrajna ma jibqax jiġi proviżjonat iżda minflok jiġi ggarantit mill-“marġni ta' manuvra tal-baġit” tal-UE.

16 Il-“marġni ta' manuvra tal-baġit” huwa d-differenza bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u r-riżorsi proprji meħtieġa biex jiffinanzjaw il-baġit tal-UE. Dan jirrappreżenta l-kapaċità finanzjarja tal-UE biex tkopri flussi ta' ħruġ addizzjonali relatati mal-materjalizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja lill-Istati Membri tal-UE, li għalihom il-provvediment ma jinħoloqx.

17 Il-proposta tal-Kummissjoni tkun tfisser li r-riskji relatati ta' pagamenti inadempjenti possibbli jiġu ttrasferiti għall-futur. Dan jista' potenzjalment jagħmel pressjoni fuq il-baġits futuri u l-ħtiġijiet futuri ta' pagament. Il-marġni ta' manuvra jkun ikopri wkoll ir-riskju ta' ripagamenti inadempjenti ta' self taħt l-AMF+ lill-Ukrajna. Attwalment, ma hemm l-ebda pjan biex id-daqs tal-marġni ta' manuvra jiżdied b'mod korrispondenti.

Kummenti finali

18 Il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju hija ppreżentata b'mod parallel ma' pakkett ta' proposti li jimmobilizzaw sa EUR 18-il biljun għal self b'apport għall-Ukrajna. Aħna nqisu li l-Kummissjoni tippreżenta argumenti raġonevoli biex tistabbilixxi l-użu ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala l-metodu bażi għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self li jsiru fil-futur. Filwaqt li niffukaw din l-Opinjoni fuq il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju, aħna nenfasizzaw li l-finanzjament ta' self, garanziji jew inġieq tal-UE permezz ta' teħid b'self ifisser li r-responsabbiltà ta' ripagament titqiegħed fuq baġits futuri, u li l-għoti b'self lill-Ukrajna għandu mnejn jinvolvi riskji relattivament għoljin għall-baġit tal-UE.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla V, immexxija mis-Sur Jan Gregor, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-22 ta' Novembru 2022.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Tony Murphy
Il-President